MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2014

Numru. 687/2010

**Il-Pulizija**

**[Kevin J Farrugia]**

**vs**

**Donald Pisani**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Donald Pisani detentur tal-karta tal-identita` numru 527771(M).

Akkuzat talli:

1. Ikkommetta serq ta' proprjeta`, mobile phone IPAQ HP ghad dannu ta' Renald Bugeja li ghandu numru tal-karta tal-identita' 117078(M), liema serq hu aggavat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37).
2. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' mobile phone IPAQ HP.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda kollha kif ukoll semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tittratta fuq allegat serq ta' mobile phone tal-marka IPAQ HP a dannu ta' Renald Bugeja li kien qed jixtri xi affarijiet mill-hanut Scan

Computers u wara li hareg mill-hanut induna li kien halla l-‘mobile phone’ tieghu hemmhekk. Meta dan mar biex jiehdu lura, ma nstabx u meta tal-Scan gew biex jaraw ic-CCTV ta’ gewwa l-post, setghu jirrisalu ghall-imputat li kien jidher li ha hu l-‘mobile phone’ ta’ Bugeja.

Din il-persuna kienet fil-fatt tidher li hadet dan il-‘mobile’ u minflok taghtu lura lill-Scan bhala oggett misjub, huwa hadu mieghu id-dar. Dan il-‘mobile’ gie sussegwentement irritornat lura lil sidu ghaliex meta s-Surgent 160 kien baghat ghall-imputat, huwa sabu fil-pussess tieghu u huwa tahulu.

Xehed Alan Camilleri li hu ufficjal tal-Scan Computers li kkonferma r-ritratti mehudin mis-CCTV camera tal-istess stabbiliment ta’ dakinhar tar-reat u kkonferma li anke hu kien wiehed mill-persuni li ra l-‘footage’ fejn kien hemm il-parte civile dak il-hin meta kien qed ihallas.

Illi xehed l-imputat u filwaqt li kkonferma li dak il-‘mobile’ kien huwa li hadu, spjega illi hareg mill-Scan sabiex jara kienx hemm sidu u meta ma rahx hadu d-dar mieghu u meta semghu icempel tfiegh. Meta rega’ xeghlu dakinhar fil-ghaxija rega’ cempel xi hadd u peress li ra li kien ser jintefa’ rega’ tfiegh. Huwa jghid illi f’dawk is-saghtejn li kien mixghul, sidu ma cempilx. Huwa rritornah l-

ghada meta cempillu s-surgent u qallu li kien ser jirritornah meta kien ser jerga' jmur il-hanut.

Illi ghalhekk, f'dawn il-proceduri, dak li hu kkontestat huwa l-'mens rea' li l-imputat kellu meta fil-fatt ha il-'mobile phone'.

Illi m'hemmx kontestazzjoni ugwalment a rigward l-awtenticita` tar-ritratti mehudin mic-CCTV.

Illi din il-kawza hija identika mill-fattispeci taghha ghal dik bl-ismijiet il-Pulizija v. Anna Dalli, deciza minn din il-Qorti fit-8 ta' Frar 2010, fejn l-imputata kienet dehret mic-CCTV footage ta' stabbiliment tghatti portafoll ta' xi hadd quddiemha meta kienu fil-'cash' tal-istess stabbiliment. Illi din il-Qorti kienet irriteniet lill-imputata hatja ta' serq.

Illi din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha taghti decizjoni differenti minn dik hawn fuq citata u stante illi l-imputat kellu mill-bidu jghid lill-impjegati tal-iScan dak li sab u sussgewentement kellu wkoll l-okkazjoni li jirrispondi il-kjamati maghmulin lill-'mobile phone' hekk mehud, kollox jindika li kien hemm fil-fatt 'mens rea' sabiex jigi kommess ir-reat ta' serq.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 267, 279(a)(b), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Donald Pisani hati tal-ewwel akkuza biss stante li t-tieni akkuza hija alternattiva ghal tal-ewwel u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sena.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------